NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Lulju - Awissu 1987 Nru 37

# Messaġġ ta' l-Arċipriet



Għal darba oħra se niċċelebraw il-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ, u f'din l-okkażżjoni tal-festa nħoss li għandi nwassal messaġġ lill-membri kollha tal-parroċċa: għax il-festa hija l-ġurnata tal-Parroċċa li fiha aħna nħossuna kburin li aħna membri tagħha.

- ***Lis Saċerdoti*** li jaħdmu fil-parroċċa nirringrazzjahom għax-xogħol kollu li jwettqu għall-ġid tal-komunità parrokkjali matul is-sena kollha. Jiena ċert li l-festa tnissel ġewwa fina ħeġġa ġdida ħalli naħdmu għall-ġid ta' l-erwieħ afdati f'idejna.
- ***Lill-Membri tal-Għaqdiet u dawk tal-Kunsill Parrokkjali*** irrid ngħid "grazzi" mill-qalb għal tant ħidma mwettqa matul is-sena. Il-Festa ta' San Ġorġ għandha tentużjażmana biex inkomplu 'il quddiem f'ħidma intensa u f'inizjattivi ġodda għall-ġid tal-parroċċa.
- ***Lill-Familji kollha tal-Parroċċa*** waqt li nawguralhom bil-qalb il-"Festa t-Tajba" inħeġġiġhom biex ikomplu jikkoperaw dejjem mal-inizzjattivi tal-parroċċa għall-ġid tagħhom stess. Ma' rridux ninsew x'responsabiltà kbira għandhom il-familji fil-parroċċa.
- ***Liż-Żgħażagħ*** ngħidulhom li l-festa tiġi għalihom ukoll: Il-preżenza tagħhom timla' l-festa. Nistedinhom biex joqogħdu attenti li fil-ferħ tagħhom ma jkun hemm xejn li joffendi lil Alla u lil xulxin. U tinsewx li l-isbaħ rigal lil San Ġorġ huwa quddiesa u tqarbina fil-Jum tal-Festa.
- ***Lit-Tfal tal-Parroċċa*** ngħidilhom li huma l-parroċċa ta' għada: ħobbu l-festa fis-sens ġenwin tagħha. Il-festa tressaqkom iktar lejn San Ġorġ, u naturalment iktar lejn Alla. San Ġorġ iħeġġikom biex tħobbu iktar lil Alla b'imħabba kbira u biex tnisslu f'qalbkom rabta ma' Alla li ma tħallu lil ħadd jisraqilkom.
- ***Lill-Għeżeż Membri tal-Parroċċa:*** jiġifieri dawk li qegħdin ibatu, li qed iġorru s-salib tal-mard tal-firda, ta' xi inkwiet fil-familja, ngħidilhom li l-festa ta'San Ġorġ tfisser ħafna għalihom ukoll. Il-Patrun tagħna San Ġorġ tħabbeb mas-Salib ta' Kristu, bata għal Kristu u jiena ċert li San Ġorġ jagħtikom is-saħħa u l-faraġ biex terfgħu intom ukoll it-tbatija li Alla jkun offrielkom.

*jkompli f'paġna 2*

# Kardinal Jordna SAĊERDOT SALEŻJAN f'San Ġorġ



L-Em. Tiegħu l-Kardinal Rosalio Castillo Lara ser iżur l-Parroċċa tagħna fl-4 ta' Lulju biex imexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Bażilika, assistit mill-Familja Sależjana u l-Kapitlu Ġorġjan. Matul din il-Konċelebrazzjoni ser jordna saċerdot lil Djaknu Sależjan Dun Fabio Attard, iben l-istess Parroċċa.

L-E.T. il-Kardinal Rosalio Castillo Lara, Arcisqof Titulari ta' Precausa u Pro-President tal-Kummissjoni għar-Reviżjoni tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku, twieled fil-4 ta' Settembru 1922, f'San Casimiro, il-Venezwela.

Hu beda n-Novizzjat tiegħu mas-Sależjani fl-1940, ġo Mosquera, fil-Kolumbja.

Hu ġie ordnat saċerdot f'Caracas fl-4 ta' Settembru 1949.

Irċieva l-lawrija "Summa cum laude" fil-Fakultà bejn is-snin 1954 u 1965.

Hu ġie magħżul Provinċjal tas-Sależjani ġewwa l-Venezwela fl-1966. Sena wara ġie msejjaħ biex jifforma parti mill-Kunsill Superjuri tal-Kongregazzjoni Sależjana, bħala Superjur Reġjonali għall-Amerika Latina.

*jkompli f'paġna 3*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## Editorjal

# IL-FESTA MINN WARA L-KWINTI

Kemm huma sbieħ il-jiem tal-festa! Kemm tkun imżejna minn barra u minn ġewwa l-Bażilika tagħna! Kemm hu sabieħ l-armar tal-festa li jżejjen it-toroq tagħna! Kemm marċijiet u briju mill-Banda tagħna "La Stella"! Dan kollu ma kienx ikun kieku ma nsibux nies ħabrieka, li disinteressament jaħdmu u jistinkaw qabel, waqt u wara l-festa. Huma lil dawn in-nies ta' wara l-kwinti llum, fil-ġranet qrib il-festa, nixtiequ nsellmu u nroddu ħajr mill-qrib. Nies dedikati li ħadd u xejn ma jifridhom minn dak li tant iħobbu - San Ġorġ.

Din is-sena ser naraw l-armar ta' Triq ir-Repubblika restawrat. Ħa ħafna xogħol u ħin. Ħa ħafna sagrifiċċji u taqtieq il-qalb. Imma rnexxa. Għalhekk lil dawk li matul ix-xhur li għaddew, waħedhom, fis-skiet, kultant bi ftit għajnuna jew xejn, ħolmu bi proġett u wettquh, insellmulhom. Dawn in-nies ta' wara l-kwinti huma s-sinsla tad-dahar tas-Soċjetà 'La Stella". Flimkien magħhom hemm dawk li jiġbru għall-festa. Flimkien magħhom hemm dawk li b'dedikazzjoni jieħdu ħsieb jarmaw it-toroq u l-pjazez u wara jieħdu ħsieb iżarmaw u jerfgħu kollox f'postu. Lil dawn kollha nroddulhom ħajr, mill-qalb nirringrazzjawhom u nħeġġu oħrajn jagħmlu bħalhom; jimitawhom.

U xi ngħidu mbagħad għall-Bażilika tagħna! F'din ikun hemm bżonn xogħol kontinwu, matul is-sena kollha, imma l-iktar meta toqrob il-festa. Lil dawk li, kultant anke wara li tagħlaq il-knisja jibqgħu jistinkaw, insellmulhom u nippruvaw ngħinuhom. Ħadd minnhom ma jaħdem biex jidher jew biex ikun imfaħħar. Dawn jaħdmu għax iħobbu. Dawn jaħdmu għax jgħożżu. Dawn jaħdmu wkoll għax isem San Ġorġ huwa mnaqqax f'qalbhom.

Mhux kulħadd jista' jagħti sehmu għall-festa bil-mod kif qed jagħtuh dawn in-nies ta' wara l-kwinti. Min ma jistax ikun magħhom, jista' jgħin mod ieħor. Jista' jgħin anke b'kelma ta' inkoraġġiment u apprezzament għax-xogħol li jwettqu. Jista jgħin billi jagħti sehmu bi tbissima fil-ġbir li jsir għall-festa. B'hekk żgur inkunu nirrikonoxxxu ix-xogħol siewi ta' dawk ta' wara l-kwinti li tant għandhom għal qalbhom, bħalna u bħal kulħadd, lil patrun tagħna SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI.

**Kun Ġeneruż aghti sehmek għall-Festa Tagħna**

**Magħmudijiet:**

**17.5.87:**
MARILYN GATT, bint Carmel u Carmen neè Bajada.
**23.5.87:**
GEORGE CAMILLERI, bin George u Helen neè Cassar
**29.5.87:**
THOMAS GRECH, bin George u Grace neè Sacco
**30.5.87:**
WILLIAM BORG, bin Mario u Josephine neè Grima.
**31.5.87:**
JAMES BORG, bin Saviour u Doreen neè Mercieca.
**31.5.87:**
REUBEN ZAMMIT, bin Peter Paul u Claire neè Azzopardi.
SEVEN GALEA, bin Vincent u Natalina neè Saliba.
**6.6.87:**
FABIO SCHEMBRI, bin Anton u Lora neè Sciberras.
**7.6.87:**
MARIA GALEA, bint Loreto u Josephine neè Galea.

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ**

**30.5.87:** Mike Attard u Carmen Rapa
**31.5.87:** Bruno Cassar u Marvene Farrugia

**Imwiet**

**23.5.87:** Maria Dolores Grech
**25.5.87:** Salvu Debono
**28.5.87:** Margerita Schembri
**1.6.87:** Maria Angela Debrincat
**1.6.87:** Ewkaristiku Sultana

**Donazzjonijiet b'Riżq ir-Rivista**

Kan. Dun Ġużepp Gauci Lm1
Mr. Louis Said (Aust.) 20 AUST. $.
F. Aquilina Lm1
F. Galea Lm1
Anthbony Grech Lm1
Mr. Sam Galea (U.S.A.) 30 US $.
Mr. Carmel Galea (U.S.A.) 30 US $.

*jaqbad minn paġna 1*

- ***Lis-Soċjetà Filarmonika La Stella*** li f'idejha huma afdati il-festi esterni: grazzi u grazzi: il-ħidma tagħkom disinteressata, turi l-imħabba sinċiera lejn San Ġorġ u lejn il-Parroċċa tiegħu. Il-briju u l-ferħ huma frott tax-xogħol tagħkom.
- ***J'Alla l-festa tagħna tagħmililna unur.***
- ***J'Alla l-festa tagħna tgħaqqadna iżjed flimkien.***
- ***J'Alla l-festa tagħna tissensiblizżana li aħna ilkoll membri ta' familja waħda, il-familja t'Alla, u tgħinna ngħixu bħala membri denji ta' din il-familja.***

**Ħinijiet tal-Quddies fil-Għaxija**

Matul il-Ġimgħa: 5.30 p.m., 7.00 p.m.
Ħdud u Festi: 5.00 p.m., 6.30 p.m.

# Qaddisin li jġibu Isem San Ġorġ

## *(Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap)*

Din is-silta ta' Qaddisin u Beati li jġibu l-isem glorjuż ta' San Ġorġ hija meħuda mill-ktieb "The Book Of Saints" (A Dictionary of Servants of God Canonzied By The Catholic Church - Compiled by the Benedictine Monks of St. Augustine's Abbey, Ramsgate. Fifth Edition. Edt. Edt. Adam & Charles Black London - p.p. 304, 305).

**San Ġorġ - Il-Kbir Martri fil-Martiroloġju**

Festa: 23 t'April. San Ġorġ miet madwar is-sena 303. Kulħadd huwa tal-fehma li San Ġorġ kien martri li sofra l-martirju f'Diospolis (Lydda, Ludd) fil-Palestina, probabbli taħt Dioclezjanu. Il-Kruċjati taw spikka kbira lid-devozzjoni lil San Ġorġ fil-Punent, għalkemm diġa' kellu qima hemmekk. San Ġorġ huwa meqjum fil-Lvant bħala wieħed mill-erbatax il-Qaddis li jgħinu lill-Knisja. Huwa mudell tal-Kavallieri u Patrun tal-Ingilterra, Aragona, Portugal, Germanja, Genova, Venezja u Ferrara. Fi Lvant huwa meqjum bħala l-Patrun tas-Suldati. Il-qima lejn San Ġorġ bħala Protettur tal-Ingilterra kienet approvata mill-Papa Beneditt XIV.

**San Ġorġ Ta' Amastris - Isqof**

Festa: 21 ta' Frar. Miet madwar is-Sena 825. Twieled ġewwa Kromna, ħdejn Amastris, ħdejn il-Baħar l-Iswed. L-ewwel kien eremita fuq l-Għolja Siriki, wara Monaku f'Bonyssa, u fl-aħħar Isqof ta' Amastris. Huwa ħares lin-nies tiegħu matul l-attakki tas-Saraċini u rnexxielu wkoll jiddefendi l-belt tiegħu ta' Isqof.

**San Ġorġ Iż-Żgħir - Isqof**

Festa: 7 t'April. Miet madwar is-Sena 816. Isqof ta' Mitylene, il-kapitali ta' Lesbos. Huwa msejjaħ 'Iż-Żgħir' għaliex iż-żewġ isqfijiet ta' qalbu ta' dak is-seklu kien jisimhom ukoll "Ġorġ" u huma meqjuma bħala qaddisin.

**San Ġorġ Gervase Beatu - Benedittin Martri**

Festa: 19 t'April. Miet fl-814. Kien Monaku u wara sar Isqof ta' Antijokja fil-Pisidia. Kien wieħed mill-missierijiet tat-Tieni Konċilju ta' Nicea (787) kontra l-Ikononoklasti. Ġie mkeċċi mill-Imperatur Leo V l-Armen u miet fl-eżilju.

**Il-Qaddisin Martri Ġorġ, Aurelius, Natalia, Felic u Liliosa**

Festa: 27 ta' Lulju. Mietu madwar is-sena 852. Dawn il-martri sofrew il-martirju f'Cordova fi Spanja taħt il-Kaliph Abderrahman II. Aurelio u Felic, man-nisa tagħhom Natalia u Liliosa, kienu Spanjoli. Imma d-Djaknu Ġorġ kien monaku mil-Palestina, li għalkemm ġie meħlus għax barrani, għażel li jbati ma' l-oħrajn.

**San Ġorġ Limnistes - Martri**

Festa: 24 t'Awissu. Miet madwar is-sena 730. Eremit fuq l-għolja Olympus fl-Asia Minuri li ta' 90 sena sofra l-martirju taħt Leo l-Isaurian għaliex iddefenda l-qima lejn xbiehat qaddisa.

**San Ġorġ u San Aurelio Martri**

Festa: 20 t'Ottubru. Ir-Relikwiji ta' San Ġorġ u San Aurelio ġew meħuda fil-Knisja Abbazzjali ta' San German f'Pariġi. L-Anniversarju tat-Translazzjoni issir fl-20 ta' Ottubru.

**San Ġorġ ta' Perigueux - Isqof**

Festa: 25 t'Ottubru. Appostlu ta' Perigueus ma' San Pronto Isqof, fi Franza. Xi leġġendi bla sens kienu skuraw il-vera ġrajja tagħhom.

**San Ġorġ ta' Vienne - Isqof**

Festa: 2 ta' Novembru? Isqof ta' Vienne fi Franza li kien jgħix probabbli fil-bidu tas-Seklu VIII. Hemm wħud li jpoġġuh fit-2 ta' Novembru 699, id-data tal-mewt tiegħu. Ġie ikkanonizzat fl-1251.

**Il-Beatu Ġorġ Napper**

Festa: 9 ta' Novembru. Miet fl-1610. Twieled f'Holywell Manor, f'oxford. Ġie edukat fil-Kulleġġ Corpus Christi. Studja għal qassis f'Donai fejn ġie ordnat fl-1596. Ħadem ħafna fil-missjoni Ngliża ta' Oxfordshire fejn fl-aħħar ġie ikkundannat u mkeċċi minn Oxford. Ġie ibbeatifikat fl-1929.

Dawn huma xi ftit mill-Qaddisin u Beati li jġibu l-isem tal-Gwerrier u Qatt Mirbuħ, San Ġorġ Megalomartri.

*jaqbad minn p. 1*



Fil-Kapitlu Ġenerali tal-1971, ġie magħżul Kunsullier Ġenerali għall-Pastorali fost iż-Żgħażagħ.

Fl-1973, il-Q.T. il-Papa Pawlu VI ħatru Isqof Ko-adjutur, bid-dritt tas-suċċessjoni tad-Djoċesi ta' Trujillo, fil-Venezwela.

Bħala delegat tal-Konferenza Episkopali tal-Venezwela assista għas-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar l-Evanġelizzazzjoni li sar fl-1974.

Fl-1975 ġie msejjaħ Ruma mill-istess Papa bħala Segretarju tal-Kummissjoni Pontifiċja għar-Reviżjoni tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku.

F'Mejju 1982, wara l-mewt ta' malajr tal-President ta' din il-Kummissjoni l-Kardinal Pericle Felice, hu ġie nominat Pro-President u wassal sat-tmiem ir-reviżjoni tal-Kodiċi.

F'Mejju tal-1985, il-Q.T. il-Papa Gwanni Pawlu II għoġbu jagħżlu bħala Kardinal.

Hu wkoll President tal-Kummissjoni Dixxiplinari tal-Kurja Rumana, membru tal-Kummissjoni Pontifiċja għall-Interpretazzjoni tad-Digriet tal-Konċilju Vatikan II u Kunsultur ta' Kongregazzjonijiet differenti.

# PROGRAMM TAL-FESTI F'ĠIEĦ

**Is-Sibt 4 ta' Lulju: Ftuħ tal-Festi**

6.45 p.m. Wasla tal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Castillo Lara, President tal-Kummissjoni Pontifiċja tad-Dritt Kanoniku, Messaġġ mill-Arċipriet Mons. Salv Borg f'isem il-Kapitlu u l-Komunità Parrokkjali Ġorġjana.

7.00 p.m. Pontifikal Solenni li fih il-Kardinal Castillo Lara jikkonsagra saċerdot lid-Djaknu Fabio Attard, Sależjan.

**Il-Ħadd 5 ta' Lulju**

10.00 a.m. Quddiesa Solenni tas-Saċerdot Novell, Patri Anton Zammit OFM Conv., li jitwassal sal-Bażilika b'daqq ta' marċi brijużi mill-Banda Cittadina La Stella.

**It-Tnejn 6 ta' Lulju**

7.00 p.m. Konċelebrazzjoni mill-Kapitlu u l-Presbyterium Parrokkjali b'suffraġju tal-membri tal-Komunità Parrokkjali li mietu matul din is-sena.

**It-Tlieta 7 ta' Lulju**

6.00 p.m. Laqgħa għall-istudenti li rċivew il-Griżma tal-Isqof f'dawn l-aħħar tlett snin.

**L-Erbgħa 8 ta' Lulju**

9.30 a.m. Laqgħa għan-Nisa tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali dwar is-suġġett "X'tifsira għandu jkollha l-Festa għalina?" Jitkellem Dun Tarcisio Camilleri.

**Il-Ħamis 9 ta' Lulju**

7.00 p.m. It-Tmien Ħamis ta' San Ġorġ u Bidu tan-Novena.

Quddiesa bl-Omelija mill-W.R. Kan. Dun Nikol Vella Apap.



**Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju**

6.30 p.m. Quddiesa bl-Omelija għall-Koppji Miżżewġa u Għarajjes li ġġib fit-tmiem il-korsijiet ta' laqgħat li sarulhom matul din is-sena. Imexxi l-W.R. Patri Gwardjan Tonio Mifsud OFM Conv.

7.30 p.m. "Insellmulek Ġorġi Tagħna": Serata ta' kant, poeżija u tagħlim imtella' b'talent tal-parroċċa, fosthom il-korijiet "Chorus Urbanus" u "Laudate Pueri".

**Is-Sibt 11 ta' Lulju**

5.30 p.m. Il-W.R. Arċipriet Mons. Salv Borg jikkonċelebra flimkien maż-żewġ Saċerdoti Novelli, Patri Anton Zammit u Don Fabio Attard, u l-Promutur tal-Vokazzjonijiet fil-Parroċċa, Dun Effie Masini.

**Il-Ħadd 12 ta' Lulju**

10.00 a.m. Quddiesa Solenni tas-Saċerdot Novell, is-Salesjan Dun Fabio Attard, li jitwassal sal-Bażilika b'daqq ta' marċi brijużi mill-Banda La Stella.

**It-Tnejn 13 ta' Lulju**

7.00 p.m. Konċelebrazzjoni mmexxija minn Dun Manwel Curmi, Direttur tas-Servizzi Soċjali fil-Kurja, Għawdex, b'għotja ta' diversi offerti lill-Istituti tal-Karità.

**It-Tlieta 14 ta' Lulju**

6.30 p.m. Quddiesa Folk għaż-Żgħażagħ kollha tal-Parroċċa. Jieħu sehem Group ta' Żgħażagħ Maltin.

7.30 p.m. Ħruġ min-Niċċa ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ, kapolavur fl-injam u l-ewwel statwa titulari f'Għawdex.

8.30 p.m. Lejla ta' kant, messaġġi u talb f'Misraħ San Ġorġ, immexxija minn Group Malti ta' Żgħażagħ.

**L-Erbgħa 15 ta' Lulju. L-Ewwel Jum tat-Tridu**

4.30 p.m. Quddiesa għall-Anzjani u l-Morda tal-Parroċċa. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda u tingħata tifkira lil dawk preżenti.

6.30 p.m. Għasar bil-Kant Polifoniku u Priedka mill-W.R. Dun Louis Bezzina, Vigarju Parrokkjali. Wara l-Priedka, Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

9.30 p.m. Dimostrazzjoni bl-Istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel, xogħol ġdid tal-istatwarju Chev. Alfred Camilleri Cauchi. Tieħu sehem il-Banda La Stella. Fi Triq ir-Repubblika logħob tan-nar maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Il-Ħamis 16 ta' Lulju: It-Tieni Jum tat-Tridu**

8.15 a.m. Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-membri tal-Komunità Parrokkjali li mietu matul il-medda taż-żmenijiet.

5.00 p.m. Quddiesa mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi għat-tfal kollha tal-Parroċċa u Premjazzjoni lill-Aħjar Tifel u Tifla li jattendu fiċ-Ċentru tad-Duttrina.

6.30 p.m. Għasar kantat u kollox bħal jum ta' qabel.

9.30 p.m. Marċ brijuż mill-Banda La Stella mat-toroq ewlenin tal-Parroċċa.

# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

19
a'
lju
87

**Il-Ġimgħa 17 ta' Lulju: It-Tielet Jum tat-Tridu**

8.15 a.m. Konċelebrazzjoni għall-benefatturi ħajjin u mejtin.

5.00 p.m. Quddiesa letta bl-Omelija għall-Emigranti kollha li jinsabu fostna għall-Festa.

6.00 p.m. Għasar Kantat u kollox bħal jum ta' qabel.

9.30 p.m. Dimostrazzjoni bl-Istatwa ta' San Ġorġ, kapolavur ta' Vincenzo Cremona u l-ewwel statwa titulari tal-festi esterni f'Għawdex. Jieħdu sehem il-baned La Stella u Victory. F'din l-okkażżjoni l-banda La Stella żżanżan sett ġdid ta' marċi brijużi. Fi Triq Repubblika logħob kbir tan-nar maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Is-Sibt 18 ta' Lulju: Lejliet Il-Festa**

8.15 a.m. Konċelebrazzjoni għas-Saċerdoti Mejtin tal-Parroċċa u Kant ta' Te Deum bħala egħluq tat-Tridu.

9.30 a.m. Marċ brijuż minn Pjazza San Ġorġ għall-Każin.

11.00 a.m. Riċeviment fil-Każin ad unur ta' l-E.T. Mos. Isqof N. Cauchi u l-Kapitlu Ġorġjan.

5.30 p.m. Quddiesa letta bl-Omelija li tissodisfa l-obbligu tas-smiegħ tal-quddiesa tal-Ħadd.

6.00 p.m. Marċ mill-banda La Stella mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ biex tilqa' l-wasla tal-E.T. Mons. Isqof Djoċesan, Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.

6.30 p.m. Translazzjoni Solenni u Għasar Pontifikali mmexxi mill-E.T. Mons. Isqof flimkien mal-Kapitlu. Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Wara Mons. Isqof ibierek l-opra ġdida tal-induratura fil-Kappella ta' San Ġużepp u f'dik Santa Katerina.

8.00 p.m. Programm Mużikali fi Pjazza San Ġorġ mill-Filar. King's Own tal-Belt Valletta. Jidderieġi Mro. Carmelo Caruana.

9.00 p.m. Marċ minn Pjazza San Franġisk mill-Banda Prekursur li wara tesegwixxi Programm Mużikali fit-Tokk.

9.30 p.m. Esekuzzjoni mill-banda La Stella fi Pjazza San Ġorġ tal-Innu Immortali "A San Giorgio Martire", versi ta' Prof. L. Billion, mużika ta' Mro. G. Giardini Vella. Jieħdu sehem Baritonu, Tenur u l-Kor tas-Soċjetà. Jidderieġi Mro. Joseph Vella B. Mus. (Dunelm), F.L.C.M.
Dritt wara Marċ uniku għall-gżejjer Maltin, bis-sehem taż-żewġ baned ċittadini, King's Own u La Stella, li matulu jdoqqu marċi brijużi bħala Massed Band. Mat-tmiem tal-marċ jinħaraq Logħob Kbir tan-Nar fi Pjazza Savina, xogħol tal-aħwa Farrugia.

**Il-Ħadd 19 ta' Lulju: Jum Il-Festa**

8.00 a.m. Marċ mill-Filar. King's Own. tal-Belt

8.15 a.m. Wasla tal-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi u Kant tat-Terza.

8.30 a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi Ph.D., Lic. Sc.Soc. Jinseġ il-Paniġierku l-W.R. Mons. Arċipriet Salv Borg, Prelat tal-Unur tal-Q.T. Il-Papa u Arċipriet tal-Parroċċa.

10.30 a.m. Marċ Popolari bis-sehem tal-Filar. King's Own u l-Banda San Ġorġ ta' Ħal-Qormi mat-toroq ewlenin tal-Belt Victoria.

3.00 p.m. Il-Banda La Stella xxandar fuq Cable Radio I s-sett ġdid ta' marċi tagħha.

3.30 p.m. Tiġrijiet kbar bis-sehem tal-aqwa bhejjem minn Malta u Għawdex. Jitqassmu premijiet sbieħ lir-rebbieħa mill-Ministru Għal-Għawdex, l-Onor. Anton Tabone.

6.15 p.m. Għasar Solenni mmexxi mill-W.R. Arċipriet, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

6.30 p.m. Sfilata ta' marċi mill-baned Mnarja, Victory u La Stella.

7.30 p.m. Tibda ħierġa l-Purċissjoni Pontifikali. Il-Banda La Stella tesegwixxi l-Innu "A San Giorgio Martire", bis-sehem ta' Tenur, Baritonu u Kor.

8.00 p.m. Tibda timmarċja l-Purċissjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Djoċesan bis-sehem tal-Kapitolu u l-Kleru Ġorġjan u l-membri tal-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-Banda La Stella b'daqq ta' innijiet popolari u reliġjużi, fosthom Lil Kbir Martri San Ġorġ, mużika ta' Mro. Vincenzo Ciappara, versi ta' P. Akkursju Xerri OFM, u Georgius Natus Est, mużika ta' Mro Joseph Vella, versi tal-Kan. Joe Meylak

8.15 p.m. Programmi Mużikali fit-Tokk u fi Pjazza San Ġorġ mill-baned Victory u Mnarja. *jkompli paġna 6*



# AVE MARIJA !!!

Dawn huma l-kelmiet li qal il-Qdusija Tiegħu l-Papa, Gwanni Pawlu II, fl-okkażżjoni tal-Ftuħ tas-Sena Marjana nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 1987. B'dawn l-istess kelmiet irridu nsellmu lill-Omm tagħna Marija.

Il-"Belt Victoria" ser tagħti l-kontribut tagħha għal din is-sena bili f'kull ħarġa niddedikaw kolonna b'dan l-isem t'hawn fuq, li fiha minbarra ritratt ta' xi kwadru tal-Madonna li l-Parroċċa tagħna hija mimlija bihom ikun hemm ukoll xi ħsieb, xi talba, xi ħaġa li tkabbar fina l-imħabba lejn Ommna Marija.



**Marija!**
Isem li jsaħħar, li jfarraġ, li jhenni!
Isem li jiġbor fih ġrajja,
Isem li jfisser l-imħabba ta' Omm fuq l-Ommijiet.

**Marija!**
Ix-xebba irżina,
li ħabbet
li għexet
li ntrabtet
ma' Alla Setgħan.

**Marija!**
Il-omm li żammet bla mittiefsa
il-verġinità tagħha,
u weldet lil Dak
li kellu jġib il-Ħajja lill-bnedmin.

**Marija!**
Il-mara mifnija
bid-dwejjaq
minfuda bis-sejf ta' dulur,
li ssir omm kollha kemm huma l-bnedmin.

**Marija!**
mtella' fis-sema
biex hemm hi ssaltan
ma Binha Ġesù
u Sultana tissejjaħ
tas-Sema u ta' l-Art.
Ilqagħha, Ommna Marija,
dil-karba ta' uliedek imdejjqa,
farraġna, saħħaħna, berikna
biex ħadd minn fostna
ma jitlaq minn ħdejk,
u miegħek jistinka,
li bħalek isib il-post
li Ibnek lestielu hemm ġewwa s-smewwiet.

*jaqbad minn paġna 5*

10.15 p.m. Daħla trijonfali tal-Istatwa ta' San Ġorġ fost il-briju u l-entużjażmu tal-Ġorġjani Għawdxin u Maltin.

11.00 p.m. Marċ brijuż mill-Banda La Stella li bih jingħalqu dawn il-festi ewlenin.

- *Il-mużika fil-Bażilika tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella B.Mus. (Dunelm), F.L.C.M, Maestro di Cappella.*
- *Fil-jiem tat-Tridu jiġi esegwit l-Innu "Georgi Miles Inclite", kompożizzjoni ta' Mons. Ġużeppi Farrugia, u l-Antifona, kliem ta' San Pier Damian u mużika ta' Mro. Carlo Flamengo.*
- *F'Jum il-Festa tiġi esegwita l-Quddiesa "Mass in D Major", kompożizzjoni ta' Mro Joseph Vella.*
- *Opri ġodda fil-Bażilika: L-induratura tal-Kappella ta' San Ġużepp u tal-prospettiva tal-artal ta' Santa Katerina; dekorazzjoni madwar il-lapidi taħt il-gallerija tal-Orgni, xogħol is-Sur Gużè Sagona.*
- *Statwa ġdida ta' San Ġorġ fuq iż-Żwiemel xogħol ta' Chev. Alf Camilleri Cauchi.*
- *Restawrazzjoni tal-armar ta' Triq Repubblika.*
- *Quddies fil-Bażilika nhar il-Festa: 4.00 a.m., 5.00 a.m., 6.00 a.m., 6.30 a.m., 7.00 a.m., 7.30 a.m., 8.00 a.m., 8.30 a.m. (Pontifikal), 9.00 a.m., 10.00 a.m., 11.00 a.m., 12.00 p.m., 1.00 p.m., 4.00 p.m., u 5.00 p.m.*
  *Il-Quddies tat-8.00 a.m., 9.00 a.m. u 10.00 a.m. isiru fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali.*
- *Matul il-ġranet tal-Festa jkun hemm* **Trips regolari bejn Malta u Għawdex.**

**IKLA TAL-FESTA**
**Cornucopia Hotel - Xagħra**

***Is-Sibt 11 ta' Lulju 1987 fit-8.30 p.m.***
**Fil-beraħ ma' ġenb is-swimming pool**

# ROKNA GĦAT-TFAL



Għeżież tfal,

Il-festa li lkoll kemm aħna nkunu nistennew bil-ħerqa minn sena għall-oħra, waslet! Il-festa tal-Patrun għażiż tagħna San Ġorġ Martri reġgħet magħna. Kif tistgħu taraw, din il-ħarġa tar-rivista "Il-Belt Victoria" hija dedikata kważi kollha kemm hi lil dan l-avveniment hekk importanti fil-ħajja tal-Parroċċa tagħna. Għalhekk, tajjeb li f'din ir-rokna wkoll, aħna nitkellmu ftit fuq dan is-suġġett.

Jien xtaqt ngħidilkom żewġ affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-festa ta' San Ġorġ. L-ewwelnett, aħsbu minn issa biex ilkoll kemm intom, mingħajr ma toqogħdu titnikkru jew iġġibu l-iskuzi, tiġu għall-funzjoni li hemm imħejjija għalikom it-tfal fil-ġurnata dedikata lilkom. Ta' kull sena, il-Parroċċa tagħkom taħsbilkom għal xi funzjoni jew ċerimonja speċjali. Għaldaqstant, tajjeb li intom tikkoperaw mija fil-mija u twieġbu bi ħġarkom għal din is-sejħa. Ibqgħu ċerti li San Ġorġ jieħu pjaċir ħafna jarakom miġburin ilkoll madwaru fil-ġranet tal-festa tiegħu.

It-tieni ħaġa li xtaqt ngħidilkom hija din: ma tkunu tagħmlu xejn ħażin billi matul il-festa tiddevertu u tgawdu dawn il-jiem sbieħ u għeżież. Biss, huwa importanti ħafna li waqt id-divertiment tagħkom fil-festi "ta' barra", ilkoll kemm intom iġġibu ruħkom sewwa u ma titbellħux. L-anqas m'għandkom tiffangaw fl-ikel u l-ħelu jew tixorbu xi xorb li huwa adattat biss għall-kbar. Iżda għandkom toqgħodu attenti biex tkunu moderati u tixorbu xorb li jgħodd biss għalikom. Fuq kollox, huwa ta' importanza ikbar li taħsbu biex titħejjew spiritwalment, jiġifieri li tqerru u titqarbnu, l-iktar f'jum il-festa. Dan l-iżjed li jixtieq San Ġorġ u dan li jieħu gost l-iktar jarana nagħmlu.

Għalhekk, sakemm nerġgħu niltaqgħu - nawguralkom festa mill-isbaħ, festa li fiha tiddevertu ħafna, iżda fuq kollox festa qaddisa.

*Tatà*
*Iz-Ziju Peppi*

# Rokna tal-Ladies Society:

F'dawn l-aħħar xhur il-Kumitat ħabrieki tal-Ladies Society issokta bil-ħidma tiegħu b'risq il-Parroċċa permezz ta' għadd ta' attivitajiet li organizza għall-membri nisa tal-għaqda. Matul dan iż-żmien għalhekk ma naqsux żjarat fl-istituti tal-karità, laqgħat ta' talb, Coffee Mornings, logħob tat-tombla, ħarġiet f'Malta u sehem attiv fil-funzjonijiet prinċipali li saru San Ġorġ.

Permezz ta' dawn l-attivitajiet is-soċjetà kompliet anke tkabbar il-fondi tagħha. Mill-flus li nġabru l-Ladies Society għamlet għotjiet ta' karità lid-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi, St. Joseph Institute f'Għajnsielem u Lourdes Home fl-Imgarr.

Barra minn hekk is-soċjetà din is-sena ħasbet biex tagħti l-kontribut tagħha wkoll lill-Bażilika ta' San Ġorġ billi ħarġet il-flus biex jinxtara sett ieħor ġdid ta' pjaneti għall-Ħdud ta' matul is-sena. Dan is-sett mistenni jiġi regalat lill-knisja f'qasir żmien.

F'dawn il-ġranet tal-festa ta' San Ġorġ, il-Ladies Society tkun minn ta' quddiem biex toffri s-servizzi tagħha, tant li bl-inizzjattiva tagħha, isir tindif ġenerali fis-sangrestija u l-knisja u tieħu ħsieb ukoll xi riċevimenti li jsiru.

Għax-xhur tas-sajf il-Ladies Society, bħal biċċa l-kbira tal-għaqdiet f'Għawdex, tieqaf mill-ħidma tagħha, għalkemm il-Kumitat xorta jibqa' jaħdem biex kmieni f'Ottubru jkollu mħejji programm varjat ta' attivitajiet għal matul l-aħħar tlett xhur tas-sena.

Il-Kumitat, li reġa' ġie mġedded dan l-aħħar, attwalment huwa iffurmat kif ġej:

**President** - Georgina Cassar
**Viċi-President** - Antoinette Frendo
**Segretarja** - Antoinette Azzopardi
**Asst. Segretarja** - Rosina Scicluna
**Kaxxier** - Tarcisja Mizzi
**Membri** - Carmen Cassar
Georgina Said
Georgina Xerri
Carmen Pace
Vitorina Borg
Doris Mizzi
Georgina Xuereb
Consiglia Grech
**Chaplain** - W.R. Prof. Dr. Joseph Farrugia

# NIFIRĦU LIL . . .

*- DON FABIO ATTARD S.D.B. li ġie ordnat saċerdot fil-Bażilika tagħna u ser jagħmel l-ewwel quddiesa solenni l-Ħadd, 12 ta' Lulju 1987*

*- PATRI ANTON ZAMMIT OFM Conv li ser jagħmel l-ewwel quddiesa solenni nhar il-Ħadd, 5 ta' Lulju 1987 fil-Bażilika tagħna*

*- Michael Xuereb (Xewkija), Reginald Camilleri (Nadur), Jerry Buhagiar (Xagħra), Anthony Attard (Xagħra) u Alex Refalo (Xagħra) li ġew ordnati saċerdoti minn Mons Isqof nhar is-Sibt, 27 ta' Ġunju 1987.*

*- Joe Vella (Victoria Kat.) u Anthony Theuma (Xagħra) li ġew ordnati Djakni minn Mons Isqof nhar is-Sibt 27 ta' Ġunju 1987.*

# Aktar Xogħol ta' Restawr għall-FESTA

****

Wara l-inizzjattiva li l-Kumitat Ħidma Festi Esterni ta' San Ġorġ beda sa mis-sena l-oħra fuq xogħlijiet ta' restwar tal-armar tal-festa, din is-sena wkoll kompla bil-ħidma intensiva tiegħu għal dan il-għan.

Fost ix-xogħlijiet li ngħataw attenzjoni immedjata hekk kif kmieni din is-sena l-kumitat reġa' ssokta bil-ħidma tiegħu, kien hemm is-sett ta' pedestalli li jintramaw fi Triq ir-Repubblika. Dan is-sett issa ġie restawrat u dekorat b'sengħa liema ɔħala. Ix-xogħol ta' dekorazzjoni li sar permezz tal-induratura u żebgħa rħamata għamlu minn dawn il-pedestalli opri tabilħaqq artistiċi.

Bir-restawr ta' dawn il-pedestalli Triq ir-Repubblika din is-sena se jkun fiha dehra li tgħaxxqek, komplita bis-sett sabiħ ta' statwi li kienu ġew restawrati s-sena l-oħra, il-paviljuni u l-bandalori.

Xogħol ieħor ta' restawr għal din is-sena kien dak li sar fuq sitt statwi oħra tal-festa, fosthom l-istatwa imponenti ta' San Zakkarija Papa, li tintrama fuq pedestall il-ġmiel tiegħu fi Pjazza t-Tokk. Din l-istatwa, li issa ngħatat dehra ġdida, inħadmet 65 sena ilu mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Statwi oħra restawrati huma s-sett ta' erbgħa li jintramaw ukoll fi Pjazza t-Tokk u li jirrappreżentaw l-erba' vertujiet tal-Qaddis: Fidi, Tama, Karita' u Qawwa. Dan is-sett fin ta' erba' statwi huwa xogħol ta' Vincenzo Cremona, l-istess artist li ħadem l-istatwa ta' barra ta' San Ġorġ.



Matul dis-sena tkomplew wkoll aktar bandalori ġodda għal Pjazza Savina, waqt li għall-ewwel darba fi Triq Karità, se jitqiegħdu tlett paviljuni ġodda tad-dawl. Dawn saru bl-inizzjattiva ta' xi familji Ġorġjani li joqgħodu fl-istess triq.

Minbarra dan ix-xogħol kollu li twettaq b'sagrifiċċji mhux żgħar, il-Kumitat ħaseb biex din is-sena wkoll jintroduċi statwa ġdida ta' San Ġorġ fuq Iż-Żiemel, biex tieħu post dik eżistenti u li tinġarr f'dimostrazzjoni fl-ewwel jum tat-Tridu. L-istatwa l-ġdida nħadmet mill-istatwarju bravu Għawdxi, li tant qed jagħmel isem tajjeb kemm f'Malta kif ukoll barra, Chev. Alfred Camilleri Cauchi.

Minkejja dan il-programm kollu ta' ħidma li twettqet għal din is-sena, il-Kumitat jinsab entużjażmat biex ikompli b'dan ix-xogħol siewi li qed jagħmel, u jekk Alla jrid sen'oħra jieħu f'idejh xogħlijiet oħra konnessi mal-armar tal-festa. Għad hemm ħafna xogħol x'isir, iżda bl-inizzjattiva ħabbrieka ta' dan il-Kumitat, żgur li bil-mod il-mod l-armar kollu tal-festa jingħata libsa ġdida biex b'hekk ikompli jżejjen u jkabbar din il-festa ewlenija tal-Għawdxin.



## ABBATI MILL-PARROCCA TAGĦNA GĦALL-VATIKAN

**ĠORĠ CASSAR** abbati għal dawn l-aħħar ħames snin fil-Bażilika tagħna, għadda l-eżami biex ikun jista' jingħaqad mal-grupp ta' abattini Maltin li ta' kull sena jmorru jagħtu s-servizz tagħhom fil-Bażilika ta' San Pietru ġewwa Ruma. Filwaqt li nifirħulu nawgurawlu li din il-mawra tiegħu f'Ruma tkun l-isbaħ esperjenza ta' ħajtu.


# ASTRA TOURS

| TOUR 1 | TOUR 2 | TOUR 3 |
|---|---|---|
| July 30 – August 13 | July 31 – August 12 | August 20 – Sept. 6 |
| France (Lourdes) & Switzerland (Geneve) Italy (Rome) | Italy (Rome/Venice) Switzerland (Lugano) | Greece – Yugoslavia Turkey – Italy Bulgaria |

*All Hotels centrally located with private bathrooms. Programmes and Bookings: JOHN PORTELLI ENT., 108, St. John Str., Valletta. Tel. 627016.*